**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD 23.1.11: IT-TIELET ĦADD MATUL IS-SENA.**
Inkomplu bit-talb tagħna għall-Għaqda tal-Knejjes Insara.

**IT-TLIETA, 25.1.11: FESTA TAL-KONVERŻJONI TAL-APPOSTLU MISSIERNA SAN PAWL.**
Xieraq li llum nieħdu sehem fil-quddiesa.

**Fis-6.30p.m.** Ikun hemm il-Laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla. Din tkun fid-Dar Parrokkjali
Kulħadd huwa mistieden.

**L-ERBGĦA, 26.1.11: Il-Breast Care Support Group** se jorganizza Laqgħa Informattiva għal kulħadd fl-Iskola Primarja tax-Xewkija. Il-Ħin se jkun fil-10.30am.
Il-kelliema huma Maltin, Ms Gertrude u Ms Antoinette.
Dħul b'xejn u se jkun hemm ħin għall-mistoqsijiet.
Għal aktar informazzjoni wieħed jista' ċemplu 21556341 jew 79067215

**IL-ĦAMIS, 27.1.11: Fid-9.00a.m.** It-Tfal tal-Iskola Primarja ta' Sannat se jkollhom il-quddiesa fil-knisja.

**IS-SIBT, 29.1.11: KONFERENZA DJOĊESANA**
Il-Kummissjoni Djocesana Familja, flimkien mal-Moviment ta' Kana, qed torganizza konferenza djoċesana bis-suġġett "***Għaliex tiżżewweġ?***". Din il-konferenza ser issir fid-29 ta' Jannar, bejn id-9.00a.m. u n-12.30p.m. f'Villa Fiorita, limiti ta' Marsalforn.
Il-kelliema prinċipali se tkun Dr Angela Abela, Direttur tal-Istitut għall-Familja fl-Universita' ta' Malta.
Kulħadd huwa mistieden biex jattendi. Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal.

**ADORAZZJONI GĦALL-QDUSIJA TAL-PERSUNI KKONSAGRATI**
Illum se ssir l-adorazzjoni għall-qdusija tal-persuni kkonsagrati li dan ix-xahar se ssir fil-parroċċa tan-Nadur. Tibda fis-6.30p.m. Ix-Xarabank mill-Parroċċa titlaq fis-6.00p.m.

**Fit-7.45p.m. KORS GĦALL-GĦARAJJES.**
Se ssir laqgħa mill-Kors ta' tħejjija għaż-żwieġ u l-ħajja tal-familja. Din se tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali.

**IL-ĦADD, 30.1.11: IR-RABA ĦADD MATUL IS-SENA.**
**KORS GĦAL-LETTURI**
Illum il-Ħadd, 30 ta' Jannar, se nkomplu l-laqgħat tal-Kors għal-Letturi u Animaturi tal-quddies.
Il-Ħin ikun fil-**11.15a.m.** fis-Sala tad-Dar Parrokkjali.
Nistiednu lil-letturi, animaturi, saċerdoti u anke dawk li jixtiequ jibdew jaqraw il-kelma ta' Alla fil-knisja biex jieħdu sehem f'dan il-Kors.

**Il-Knisja u l-Ewkaristija**: Il-Knisja tgħix bl-Ewkaristija. L-Ewkaristija tibni l-Knisja. Is-Sagrifiċċju Ewkaristiku hu l-għajn u l-quċċata tal-ħajja nisranija kollha, għax permezz tas-Sagrifiċċju Ewkaristiku l-insara jieħdu sehem fil-ġrajja tal-Għid, jingħaqdu aktar ma' Kristu, jinbnew fil-Ġisem Mistiku tiegħu, u jirċievu r-rahan tal-ħajja ta' dejjem.

Il-Quddiesa - is-Sagrifiċċju Ewkaristiku – hi minnha nfisha "vanġelu", aħbar tajba, mhux biss għax "*ixxandar il-mewt tal-Mulej sa ma jiġi*", imma wkoll għax tagħti lil min jieħu sehem fiha s-salvazzjoni miksuba minn Kristu fuq is-Salib. Permezz tas-sehem fil-mejda tal-Kelma u fil-mejda tal-Ewkaristija, li jiffurmaw att wieħed ta' kult, isseħħ il-laqgħa ma' Kristu Rxoxt, u l-fidili jikbru fix-xewqa li jitmantnew bil-Kelma ta' Alla u bil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. P.P.D. 44-45